**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 24 ta` April, 2018.**

**Talba Nru: 106/2017PA**

**Saviour Portelli**

**vs**

**Water Services Corporation**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-6 ta` Marzu 2017 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta tħallsu s-somma ta` erbat elef Ewro (€4,000) rappreżentanti danni li sofra f'Marzu 2015 fir-raba' saqwi li jappartjeni lilu fiż-żona magħrufa 'ta` Għeriexem', fil-limiti tar-Rabat, Malta, meta far drenaġġ f'din iż-żona, u l-konvenuta naqset li tieħu l-azzjoni rimedjali fil-ħin biex tissolva l-problema, wara li minkejja li l-attur interpellaha diversi drabi biex jintlaħaq ftehim, dan baqa' bla tweġiba. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuta.

Ra r-Risposta tal-korporazzjoni konvenuta li permezz tagħha (i) irrespinġiet il-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet miġjuba konta tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

u (ii) eċċepiet li, mingħajr preġudizzju, jinkombi fuq l-attur li jagħmel prova tad-danni allegati u konsegwentement, tad-danni reklamati qed jiġu kkontestati.

Sema' x-xiehda tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom.

Ra d-dokumenti eżibiti minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li l-attur, li jaħdem bħala bidwi bir-raba' saqwi, qed jagħmel kontra l-korporazzjoni konvenuta biex jirreklama mingħandha danni li jgħid li ġarrab fir-raba' u l-prodott tiegħu bi ħtija tagħha wara żbroff ta` drenaġġ.

L-attur **Saviour Portelli**[1] xehed li għandu sebat itmiem raba' saqwi fiż-żona ta` Għeriexem, ir-Rabat, Malta. Qal li fis-6 ta` Marzu 2015, mar fir-raba' u sab id-drenaġġ ħiereġ ifur wara li għamlet ix-xita. Mar jagħmel rapport l-Għassa[2] u ċemplu biex xi ħadd imur jara. Tlett ijiem wara, marru uffiċjali tal-korporazzjoni konvenuta biex jaraw. Hu kien preżenti. Dawn għamlu bejn ħmistax u tlett ġimgħat ġejjin u sejrin imma ma setgħux jirranġaw il-ħsara. Fil-frattemp, id-drenaġġ baqa' ħiereġ kontinwament lejl u nhar. Il-problema solvewha meta, bil-permess tal-attur, il-korporazzjoni konvenuta għaddiet katusi godda minn fuq, minflok sular u nofs 'l isfel kif kienu. Il-katusi tal-wiċċ baqgħu hemm u meta tagħmel ix-xita għadu sa issa jiġi kwantita` ta` xita.

L-attur iddikjara li, meta ġara dan l-inċident, kellu l-patata tax-xitwa fil-ħamrija. Ġiegħluh[3] jaħrat kollox, u minħabba li r-raba' kien mifqugħ, ma setax jaħdmu, lanqas fis-sajf u x-xitwa ta` wara. Mietulu wkoll id-dwieli u s-siġar tal-frott li kellu, filwaqt li

[1] Ara xiehda, 20.6-2017, fol. 11 sa 13
[2] Ara Inċident Report, Dok. SP1, fol. 15 sa 16
[3] Ara Ordni tal-Awtorita` tas-Saħħa datata 13 ta` Marzu 2015, Dok. SP5, fol. 31 li tneħħiet fil-5 ta` Mejju 2015, Dok. SP6, fol. 32

oħrajn ma għamlux frott. Il-kanali tas-sisien li hemm fir-raba', billi huwa mtarraġ, imtlew ħama u kellu jnaddafhom ukoll bi spiża ta` €455. Id-danni fil-prodott u s-siġar ivvalutahom fuq inkariġu tal-attur uffiċjal tad-dipartiment tal-agrikoltura.

L-attur ippreżenta diversi ritratti li ħa hu ta` dak li spjega fix-xiehda tiegħu[4], flimkien ma' ittra li bagħat huwa stess lill-Korporazzjoni konvenuta datata 27 ta` Marzu 2015 li permezz tagħha spjegalha x'ġara u talabha tħallsu d-danni[5], u ittra legali interpellatorja datata 8 ta` Ġunju 2016[6].

L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-risposta tal-avukat tal-attur fis-27 ta` Marzu 2017[7] mibgħuta lill-Korporazzjoni konvenuta, flimkien ma' stima rilaxxjata lilu minn Blockrete Limited, fis-somma ta` €1,203.60ċ, prezz ta` xogħlijiet ta` tħammil ta` ħama fil-kanali.[8]

In kontroeżami[9], l-attur **Saviour Portelli** ddikjara li dan ir-raba' jappartjeni lilu b'titolu ta` proprjeta`. Huwa kkonferma li l-akkadut segwa xita qawwija li niżlet fuq medda ta` ġranet. Qal li l-patata li kellu miżrugħa kienet waslet għall-qligħ, filwaqt li l-ful u l-basal kien baqagħlu. Il-patata ma kienx għadu qalagħha għaliex ma tistax tinqala' meta l-ħamrija tkun imxarrba.

L-attur qal li, fl-inħawi, huwa normali li meta tagħmel ix-xita jistadd mill-ewwel id-drenaġġ. Dwar l-istima għat-tindif tal-kanali, qal li kien talab stima mingħand ħaddieħor, li tah prezz anqas, pero` ma riedx jikkonferma l-istima bil-kitba, filwaqt li ddikjara li dan ix-xogħol għadu ma ġiex eżegwit.

L-attur qal ukoll li l-*main* tad-drenaġġ ilu stallat 50 sena żgur, u li d-drenaġġ jiżbroffa kull sena jew sentejn.[10]

---

[4] Fol. 17 sa 27
[5] Dok. SP3, fol. 28-29, ara konferma li l-konvenuta rċevietha, fol. 30
[6] Fol. 33 sa 34, ara konferma li l-konvenuta rċevietha, fol. 35
[7] Dok. SP10, fol. 37
[8] Dok. X1, fol. 55
[9] Ara xiehda, 9.1.2018, fol. 64 sa 65
[10] Ara xiehda fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2018

L-attur ressaq b'xhud tiegħu lil **Mario Micallef**[11], *Senior Agricultural Officer* fid-Dipartiment tal-Agrikoltura, responsabbli minn stimi ta` ħsarat fuq wiċċ ta` raba' li jinħadem, xehed li l-attur kien ċempillu u nfurmah li kellu żbroff tad-drenaġġ fir-raba' tiegħu f'Għeriexem, ir-Rabat, Malta, u talbu jagħmillu stima tal-ħsarat. Qal li fl-24 ta` Marzu 2017 mar fir-raba' tal-attur, u għamel spezzjoni fuq dak li kien għadu jidher dakinhar. Meta aċċeda hu, il-*main sewer* kien issewwa u d-drenaġġ ma kienx għadu ħiereġ. Pero` ra l-ħsara li d-drenaġġ laħaq għamel lis-siġar, li kienu mejtin, u li kienu jinkludu siġar tal-frott u anke dwieli. Ix-xhud qal li l-attur urieh ritratti tad-drenaġġ ħiereġ u huwa b'hekk ikkonkluda li l-ħsara li ra fis-siġar kienet kaġunata mill-iżbroff tad-drenaġġ. Micallef qal li l-patata bil-ħsara ma raħiex minħabba li ħu aċċeda fir-raba' sentejn wara li seħħ l-iżbroff.

Ix-xhud iddikjara li l-Korporazzjoni konvenuta kienet obbligata tavża bl-iżbroff tad-drenaġġ lid-dipartiment tas-sanita`, biex jieħdu l-prekawżjonijiet meħtieġa u l-prodott milqut ma jiġix ikkunsmat, pero` ma għamlet xejn minn dan. Huwa ppreżenta kopja tal-istima tiegħu[12], li qal li bagħatha wkoll lil Water Services Corporation[13], pero` dawn qatt ma kkonfermawlu li rċevewha Dwar l-istima, Micallef qal li uża l-prezzijiet tal-Pitkalija fiż-żmien tal-iżbroff, fuq kwantita` ta` prodott li l-għalqa tal-attur kapaċi tagħti fi staġun wieħed. Dwar is-siġar, qal li mexa mal-liġi fejn tagħti dritt ta` benefikat għal erba' snin.

In kontroeżami[14], Mario Micallef spjega li l-avviż li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kellha tagħti lid-Dipartiment tal-Agrikoltura kellu jsir permezz ta` ittra reġistrata.

Dwar l-istima tiegħu, Micallef spjega li din għamilha fuq is-siġar li ra meta aċċeda fir-raba' tal-attur, kumparat mas-siġar li ra li kellu fid-data tal-inċident mir-ritratti bis-satellita u mir-ritratti li urieh l-attur. Dawn tal-aħħar qabbilhom mar-ritratti tas-satellita, u kienu jaqblu. Qal ukoll li l-istima tiegħu tinkludi kemm il-patata miżrugħa li

[11] Ara xiehda, 20.9.2017, fol. 46 sa 48
[12] Dok. MM1, fol. 49 sa 50
[13] Fol. 52
[14] Ara xiehda, 6.2.2018, fol. 67 sa 68

ntilfet, u anke l-patata tas-sajf li ma setax jiżra'. Bħala kwantita`, ix-xhud qal li għamel kalkolu fuq l-estent tal-art li urieh l-attur li kien jiżra' l-patata fiha. Il-prezzijiet li għamel il-kalkolu bihom ħadhom mill-istatistika tal-pitkalija ta` Marzu 2015.[15] Fl-istima tal-ħsarat, ix-xhud żied ukoll erbat ijiem xogħol ta` raġel biex ir-raba' jerga' jiġi tajjeb biex jinħadem.

Fl-aħħarnett, l-attur ressaq b'xhud tiegħu lil **Joseph Caruana**, *Operations Manager* mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.[16] Ix-xhud qal li fis-sena 2015, huwa kien jaħdem fis-sezzjoni tad-drenaġġ fir-Regjun tat-Tramuntana ta` Malta. F'Marzu 2015, kien jaħdem fis-sessjoni relattiva għar-Regjun tan-Nofsinhar. Qal li sar jaf bil-kawża fil-jum qabel xehed. Qal li l-każ jiftakru, u jiftakar li f'dak iż-żmien kien hemm problema fl-inħawi ta` Għeriexem, fir-Rabat, Malta.

Ix-xhud qal li, f'dik is-sena, għamlet ħafna xita, u l-*main* tad-drenaġġ fl-inħawi kien stallat prinċipalment fir-raba'. Qal li kienu talbu biex dan jitneħħa mir-raba' u jgħaddi mit-toroq, pero` ma jafx jekk dan ix-xogħol sarx. Qal li fir-raba' tal-attur, mar kemm hu u anke n-nies tiegħu fiż-żmien tal-inċident, għaliex kien hemm ħafna każijiet ta` żbroff fl-istess żmien, u ħafna mix-xogħol kellu jsir bl-idejn billi l-aċċess bil-makkinarju ma kienx faċli. Qal li minħabba f'hekk, kienu talbu permess lill-bdiewa biex jgħaddu *main* temporanju aktar 'il fuq, għaliex meta kienet tagħmel ħafna xita, il-*main* ma kienx ilaħħaq u kien ikun hemm sadd.

Dwar dan l-iżbroff, l-attur qal li kien kbir ħafna – ġo l-għelieqi d-drenaġġ kien ilaħħaq sal-irkoppa. Lanqas fil-ħamrija ma setgħu jidħlu tant kemm ħareġ drenaġġ. Ix-xhud ikkonferma li xi raba' kien maħdum, u li d-dipartiment tal-agrikoltura kienu ħadu l-passi biex il-wiċċ jinħarat. L-iżbroff qal li dam aktar minn ġurnata waħda żġur.

In kontro-eżami, Joseph Caruana xehed li aċċedew fuq il-post dakinhar stess li ġew avżati bl-iżborff, u kienet ħafna xita. Qal li, kif waslu, xammew riħa mil-likwidu li

---

[15] Fol. 72 sa 75
[16] Ara xiehda, 22.11.2017, fol. 58 sa 59

kien hemm fir-raba' u li kien jaslilhom sa rkupptejhom. Qal li ra wkoll li l-wiċċ kellu ż-żergħa, pero` mir-raba' kienet għaddejja xmara ta` likwidu. Minħabba fil-kundizzjonijiet tar-raba', u x-xita, kellhom jagħmlu sistema temporanja ta` katusi li jgħadduha minn lok differenti.

In rieżami, Caruana qal li l-likwidu żġur kellu d-drenaġġ fih għaliex kien jinxtamm. Qal li jiftakar li kellhom pjan biex id-drenaġġ jgħadduh mit-triq, pero` mbagħad ma baqax jaħdem f'dak id-dipartiment u ma jafx x'ġara. Huwa qal li, għalkemm is-sistema kienet tiflaħ għad-drenaġġ kollu li kien jgħaddi minnha, ma kinetx tiflaħ ukoll għall-ilma tax-xita li jgħaddi minnha minħabba li ħafna mid-dar ma jiġbruhx kif suppost.

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma produċiet b'xhud tagħha lil **Joseph Muscat**[17], li kien *Team Leader* magħha f'Marzu 2015. Ikkonferma li kienu rċevew avviż li kien ħiereġ id-drenaġġ f'dawn l-akwati dak iż-żmien, u li marru u vverifikaw dan fuq il-post. Qal li f'dik l-okkażjoni ma setgħux jiftħuħ, kif ġieli għamlu, għax kienet ħafna xita. Skond ix-xhud, l-iżbroff seħħ għaliex il-blat fl-inħawi huwa tafli u s-saħħa tal-ilma twaqqa' l-ġebel u l-ġebel isodd is-sistema. Huwa kkonferma li, f'dik l-okkażjoni, dawwru s-sistema biex tgħaddi minn band'oħra.

In kontro-eżami, Muscat qal li l-katusi li minnhom sar l-iżbroff neħħewhom ġimgħa qabel xehed, u minnhom ma kienx għadu għaddej drenaġġ. Huwa ma setax jispjega għaliex ħallew tlett snin jgħaddu biex għamlu dan, u wieġeb li d-deċiżjonijiet mhux hu jeħodhom. Fil-frattemp ma reġax kien hemm żbroff ieħor.

Ikkunsidra wkoll li:

L-attur jikkontendi li l-Korporazzjoni konvenuta għandha ġġorr ir-responsabbilta` ċivili għat-telf kollu li ġarrab fil-wiċċ tar-raba' saqwi tiegħu, fl-inħawi ta` Għeriexem, fir-Rabat, Malta, minħabba li naqset li tirrimedja fil-ħin għall-iżbroff ta` drenaġġ li seħħ

[17] Ara xiehda, 20.3.2018, fol. 80 sa 81

f'Marzu 2015. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma tiċħadx li hija munita bir-responsabbilta` legali għat-tħaddim tas-sistema tad-drenaġġ f'Malta, pero` tiċħad li hija ġġorr xi responsabbilta` għall-akkadut, jew li għandha tagħmel tajjeb għal xi telf reklamat mill-attur.

It-Tribunal qies il-provi kollha prodotti quddiemu mill-attur, kemm dwar l-inċident ta` żbroff tad-drenaġġ fix-xahar ta` Marzu 2015, u anke dwar it-telf (inkluż ta` qligħ) li ġarrab, flimkien mal-ħsara li jrid jagħmel tajjeb għaliha, b'konsegwenza tal-istess. It-Tribunal jinsab moralment konvint mill-verżjoni mogħtija mill-attur, li ġiet sostenuta wkoll mill-*Operations Manager* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma imressaq mill-istess attur b'xhud tiegħu.

Effettivament, iż-żewġ rappreżentanti tal-Korporazzjoni konvenuta li xehdu f'din il-kawża kkonfermaw li fix-xahar ta` Marzu 2015, qabel il-festa ta` San Ġużepp fid-19 ta` Marzu 2015, kien hemm żbroff qawwi tad-drenaġġ fir-raba' fl-inħawi ta` Għeriexem fir-Rabat, Malta, li b'riżultat tiegħu dawn l-għelieqi għerrqu f'likwidu li kien jinkludi fih drenaġġ, u li wasal sa għoli tal-irkobba ta` bniedem. L-*Operations Manager* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qal li dan kien dovut għal ġranet ta` xita kontinwa, minħabba li bi ksur tal-liġi, id-djar ma jiġbrux l-ilma tax-xita imma jħalluh jintrema fis-sistema tad-drenaġġ; filwaqt li t-*Team Leader* responsabbli mill-inħawi f'dak iż-żmien qal li s-sadd kien dovut għal li l-blat fl-inħawi huwa tafli u dan faċilment jinqasam u jsodd is-sistema.

Bid-dovut rispett, it-Tribunal ma jistax jaċċetta din l-aħħar ipoteżi bħala verosimili fin-nuqqas tal-aħjar prova ta` din l-allegazzjoni. Huwa faċli għall-Korporazzjoni konvenuta, li hija munita bir-responsabbilta` li tara li s-sistema tad-drenaġġ tiffunżjona sewwa, u tieħu passi kontra illegalitajiet fl-użu tagħha, li sentejn wara l-akkadut, tipotiżża li setgħet waqgħet xi ġebla u saddet is-sistema, meta evidentement m'għandhiex prova li ġara dan, imma tagħraf li terżi utenti tas-sistema kienu u għadhom qed jużawha għal skopijiet ulterjuri (jarmu fiha l-ilma tax-xita li jingabar fuq il-bjut u ambjenti oħra privati, minflok jiġbruh fi bjar jew ġwiebi), bi ksur

tal-liġi, b'mod li din tiġi ma tiflaħx għall-volum mizjud ta` likwidu li jintrema fiha, u b'hekk jiżviluppa sadd.

Aktar minn hekk, mill-provi rriżultaw nuqqasijiet oħra gravi fl-operat tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fl-immaniġġjar tad-drenaġġ fl-inħawi partikolari, senjatament li (i) ma rrappurtatx dan l-iżbroff lill-awtoritajiet agrikoli u tas-saħħa biex jieħdu ħsieb jipproteġu lill-popolazzjoni minn konsum ta` prodotti agrikoli kontaminati; (ii) din ma kinetx l-ewwel okkorrenza ta` żbroff ta` drenaġġ fl-inħawi, pero` ma jirriżultax li l-Korporazzjoni ħadet passi biex dan ma jerġax jigri qabel seħħ l-inċident mertu tal-kawża; (iii) ħalliet diversi ġranet jgħaddu – li matulhom l-iżbroff kompla – qabel ipprovdew għal devjazzjoni temporanja biex iwaqqfu l-iżbroff fl-għelieqi tal-attur; (iv) kienet taf li s-sistema eżistenti ma kinetx tiflaħ għall-pressa tad-drenaġġ meta tagħmel ix-xita, billi kien qed jintrema fis-sistema anke l-ilma tax-xita mid-dar meta suppost dan jingabar, u ma ħaditx passi biex telimina dawn l-irregolaritajiet, inkella taġġusta s-sistema biex tiflaħ għall-kwantita` ta` ilma li kienet attwalment tirċievi fil-ġranet tax-xita; (v) id-devjazzjoni *'temporanja'* li għamlet biex twaqqaf l-iżbroff fir-raba' tal-attur baqgħet operattiva għal sentejn sħaħ, sa ġimgħa qabel ir-rappreżentant tagħha xehed f'din il-kawża!

Fis-sentenza **Hugh P Zammit noe et vs Direttur tat-Toroq et**[18], il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet li *'l-entitajiet pubbliċi li lilhom hi affidata ċerta mansjoni huma, bħal kull ċittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet tagħhom, il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Regola din ta` korrettezza, bon sens u ta` żvolġiment għaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn eżekuzzjoni ta` xogħlijiet, manutenżjoni ta` opri pubbliċi, viġilanża u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi ħtija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenżi ta` dak sanċit fl-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili."*
Dan għaliex *'l-amministrazzjoni pubblika ħi wkoll, bħal kull individwu jew korp, tenuta li tosserva l-prinċipju "neminem laedere". Tali prinċipju ħu issa estiż kemm fil-każ ta` eżekuzzjoni jew manutenżjoni ta` xogħlijiet pubbliċi kif ukoll in rapport ta` viġilanża jew*

[18] Appell Inferjuri, 23.1.2004

*ta` kontroll in ġenerali ta` l-attivita` pubblika.*[19] *F' din il-ġurisprudenza ġie affermat illi l-awtorita` jew enti pubblika tista` twieġeb għall-ħtija akwiljana.'*[20]

B'riferenza speċifika għall-problema magħrufa f'Malta li l-ilma tax-xita jintrema, bi ksur tal-liġi, fis-sistema tad-drenaġġ, minflok jingabar għall-użu fi bjar, ġwiebi jew spazji simili, fis-sentenza **Alfred Delia vs Segretarju Permanenti u d-Direttur Dipartiment tat-Toroq et**, l-istess Qorti tal-Appell (Inferjuri)[21] irriteniet li *'ġjaladarba kienet konoxxuta l-eżistenza objettiva tal-perikolu ... dan iwassal, b'raġunament, għall-aċċertazzjoni illi dan l-istess perikolu seta` jiġi evitat. Mod ieħor ikollu jingħad illi "se la cosa pericola per trascuratezza o negligenza del suo proprietario esso e` in colpa per non mantenere la cosa in condizioni tali da non recare nocumento ad altri" – "Amadeo F. Inglott noe -vs- Sacerdote Giuseppe Camilleri et", Appell Ċivili, 22 ta` Jannar 1932 (Vol XXVIII pI p222). Li jfisser allura illi l-event dannuż ħu dovut għal kondotta kolpuża ommissiva tal-awtorita` pubblika f'sitwazzjoni prevedibbli u li setgħet, b'għaqal u b'diligenza ordinarja preventiva, tevita d-dannu.'*

Għab-bażi ta` dan, it-Tribunal jikkonkludi li l-attur irnexxielu jipprova, sal-grad rikjest mil-ligi fi proċeduri bħal dawn, kemm l-event dannuż kif ukoll in-ness kawżali bejnu u n-nuqqasijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Kwantu għad-danni reklamati, l-attur qed jirreklama telf fis-somma ta` erbat elef (€4,000) rappreżentanti prodott mitluf, u telf ta` qligħ, kif ukoll spejjeż biex isewwi l-ħsarat li l-event dannuż ikkagunalu fir-raba' tiegħu.

Fir-rigward tat-telf konsistenti fil-prezz tal-prodott mitluf, u t-telf ta` qligħ minħabba li l-ħamrija ma setgħetx tinżera' għal żmien, it-Tribunal jidhirlu li għandu jikkummenta li l-attur kellu jitlob valutazzjoni tal-ħsarat fiż-żmien li gara l-inċident, u mhux sentejn wara, meta allura t-Tribunal jifhem li l-effetti tal-akkadut baqgħu jidħru biss fuq is-siġar tal-frott li tħallew mejtin fir-raba'. Madankollu, wara li sema' x-xiehda

[19] enfasi tal-esponenti
[20] **Martin Bonelo Cole vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Prim'Awla (PS), 3.109.2003
[21] 19.5.2004

tal-uffiċjal tad-dipartiment tal-Agrikoltura mqabbad biex jagħmel din l-istima, it-Tribunal huwa konvint, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, li aktar iva milli le t-telf rappurtat minnu għandu mis-sewwa. Dan qed jingħad għaliex ix-xhud, bi preċiżjoni, xehed li l-kwantitajiet tiegħu gabhom mill-kapaċita` tal-art fejn l-attur urieh li kellu, jew seta` jagħmel, il-prodott, filwaqt li l-bqija vverifikahom mir-ritratti mis-satellita riferibbli għaż-żmien tal-inċident. L-entrati l-oħra fl-istima tiegħu dwar xogħlijiet meħtieġa biex l-art tkun tista` terga' tinħadem għal skop agrikolu huma wkoll verosimili fiċ-ċirkostanżi spjegati.

Kwantu għall-ispiża tat-tindif tal-kanali, l-attur preżenta stima ffirmata tal-prezz biex isiru dawn ix-xogħlijiet fis-somma ta` elf, mitejn u tlett Ewro u sittin ċenteżmu (€1,203.60ċ), għalkemm iddikjara li kellu stima b'nofs dan il-prezz mingħand terż li pero` ma riedx jikkonfermaħielu bil-kitba. Il-Korporazzjoni konvenuta ma ressqitx provi li dan ix-xogħol mhux meħtieġ wara l-akkadut, jew li l-prezz mitlub huwa eċċessiv.

Wara li qies dan kollu, it-Tribunal huwa moralment konvint, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, anke dwar id-danni reklamati mill-attur.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, u jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tħallas lill-attur is-somma mitluba ta` erbat elef Ewro (€4,000), bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**